# LEHEN IL-MALTI

L-GHOXRIN SENA LULJU-SETT., 1950. Għadd 233-235.

## L-ILSIEN MALTI U L-POLITKA

### SEJHA TA' L-EDITUR.

*Il-poplu jingħaraf mill-ilsien li jitkellem. Aħna Maltin għax nitkellmu bil-Malti, dak l-ilsien li ħa ismu mill-gżira li twelidna u kbirna fiha.*

*Mela l-Malti hu tal-Maltin kollha.*

*Mela l-ilsien Malti hu l-ilsien tal-partiti kollha.*

*Min jiċħdu jew jilgħab bih għall-ħsebijiet ta' rasu jkun qed jiċħad u jilgħab bl-isem ta' l-art ħanina li tatu l-twelid.*

*Lehen il-Malti ma hu marbut ma' l-ebda partit politku.*

*Hu marbut mill-bidu sa l-aħħar mal-programm li l-moviment Malti għamel lilu nnifsu mill-bidu nett; jiġifieri li jżomm il-Malti meqjum u miżmum fil-għoli fil-gżira fejn hu mitkellem u mifhum minn kulħadd xorta waħda. Dan hu l-programm tagħna. La ħriġna minnu u l-anqas bi ħsiebna noħorġu minnu.*

*Min ma jfixkilx il-Malti m'għandux għax jibża' minna.*

*Aħna nafu li, politikament, l-imseħbin tal-moviment Malti u l-kittieba tax-xogħlijiet Maltin ma jaħsbuhiex xorta waħda għax hemm min jidhirlu li l-ġid jista' jsir mod u hemm oħrajn li jaħsbuha mod ieħor.*

*Din hija l-libertà essenzjali għad-demokrazija.*

*Imma f'dak li huwa Malti, l-istudju wil-qari tiegħu fil-Gżira bħala lsien nazzjonali, il-membri tal-moviment, u b'dil-kelma nifhem is-soċjetajiet kollha li jieħdu ħsieb il-Malti, huma marbutin ilkoll ħolqa ma' ħolqa.*

*U l-ħafna ħoloq flimkien jagħmlu l-katina qawwija tal-moviment Malti.*

*Min jipprova jkisser din il-katina, jitkisser hu.*

*Għax ir-Rebħa tal-Ilsien Malti kienet miktuba fil-ġrajja ta' l-istorja li għandha l-liġijiet tagħha. Bħall-univers. Din il-liġi tgħid li meta poplu jaħkem lil ieħor, il-ħakkiem iġiegħel lill-maħkum iwarrab ilsienu u jgħollilu tiegħu.*

*Il-liġi tal-bosk li tgħid: Min jiflaħ jagħti.*

*Imma mbagħad hemm liġi oħra seħbitha li tgħid li malli l-maħkum itajjar il-madmad minn fuq spallejh, hu jafferma ruħu politikament u kulturalment billi jagħti l-ewwel post, kif haqqu, lill-ilsien tal-poplu.*

*Hekk ġara Malta. Hekk ġara qabel fid-dinja. Hekk ġara fl-Ungerija, Rumanija, Bulgarja, Kżekoslovakja, Turkija, Finlandja, il-pajjiżi Baltiċi, fil-Gżejjer ta' Faroes, fir-Russja u bnadi oħra.*

*Għalhekk M. A. Vassalli deher li tilef fi żmienu imma rebaħ wara 130 sena. Fi żmienu l-ħakma tal-barrani kienet qawwija u għalhekk kellu jitlef bil-fors. Dawn l-aħħar snin hawn Malta kibret il-ħakma tal-kotra u mal-kotra rebaħ Mikiel Anton Vassalli li s-saħħa ta' l-idejat tiegħu fuq żmenijietna tinħass aktar mis-saħħa ta' kull Malti ieħor.*

*Iż-żmien għalaq hawn Malta ġerħa li kienet ilha miftuħa. Min jerġa' jiftaħha, joħroġ id-dmija.*

*Qed nikteb ftit ġranet qabel l-elezzjonijiet. Sa ma dil-kitba toħroġ stampata, inkunu ilna nafu r-rieda tal-poplu. Jingħażel min jingħażel biex imexxi d-destin ta' Malta, aħna nagħmlu sejħa lil kulħadd, lill-partiti kollha, dawk li rebħu u dawk li tilfu xorta waħda:*

*"Oħorġu l-Malti mill-politka tal-partiti. Ħalluh igħix il-ħajja tiegħu kulturali u lingwistika mingħajr tfixkil u l-għajb tal-firda.*

*Għax l-ilsien tal-poplu igħaqqad għandu u mhux jifred, bħalma l-Ingliż igħaqqad lill-Ingliżi, il-Franċiż lill-Franċiżi, it--Taljan lit-Taljani"*

*Hekk ikun.!*

28-8-50.